MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 878/2002

**“A”**

**vs**

**“B”**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici li giet prezentata fit-30 ta’ Lulju 2002, a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fid-9 ta’ Ottubru 1981 u minn dan iz-zwieg kellhom tifel wiehed, **“C”** li twieled fl-1 ta’ Novembru 1983;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba sevizzi, eccessi, u ingurji gravi da parti tal-konvenut;

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f'dan is-sens moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Ottubru 2002, Dok. "A";

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-**artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili tal-Kap 16** tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda;

2. Tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici martu, dik ir-retta alimentarja xierqa w adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut;

4. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).**

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabilit minn dina l-Qorti *in vista, inter alia*, tad-dati tal-

akkwisti tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data satabilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, *okkorrendo* ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

6. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna lill-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

7. Tordna illi d-dar tigi okkupata eskluzzivament mill-attrici;

8. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tinizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti kontra l-konvenut illi hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol 3 *et sequitur* tal-process.

Rat id-digriet moghti mis-Sekond'Awla fit-11 ta' Ottubru 2001 mill-Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri permezz ta' Digriet Numru 1439/2001 fuq rikors ta' l-attici datat 2 ta' Awissu 2001 fejn awrorizza lill-attrici tipprocedi ghall-kawza ghas-separazzjoni , b'dan li astenja milli jiehu konjizzjoni tat-tielet talba u dwar it-tieni talba ordna lir-ragel sabiex ihallas lill-atrici l-ammont ta' Lm45 fix-xahar biex tali ammont ikopri nofs l-ispejjez ta' l-attrici ghall-kera ta' fond alternattiv, kollox kif jirrizulta a fol. 6 sa 8 tal-process.

Rat id-Digriet moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 16 ta' Lulju 2002 mill-istess Qorti presjeduta mill-Onorevoli

Imhallef Tonio Mallia sabiex jigi pprorogat it-terminu ghall-prezentata tac-citazzjoni attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, datata 28 ta' Ottubru 2002, a fol. 13 tal-process fejn eccepixxa :-

1. Illi dana z-zwieg tkisser minhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici, il-konvenut ma kienx jahti ghat-tkissir taz-zwieg;

2. Illi l-attrici telqet mid-dar sentejn ilu ghaliex hi qalet li ma setghetx iggib lill-hbiebha d-dar;

3. Illi d-dar minn fejn telqet l-attrici kienet mixtrija qabel iz-zwieg minn flus tal-konvenut u ghalhekk hija parafernali;

4. Illi l-attrici tahdem MPS Limited;

5. Illi mhux minnu li xi darba l-konvenut refa' idu fuq l-attrici anzi kienet l-attrici li f'diversi okkazzjonijiet refghet idha fuq il-konvenut. L-attrici abbandunat id-dar u saret ukoll hatja kontra l-konvenut ta' swat, sevizzi, mohqrija w ingurji gravi;

6. Illi l-konvenut apparti l-fatt li ma ghandux fejn jghix, ma kkommetta ebda htija li minhabba fiha ghandu jitlef il-jhedd li jghix god-dar matrimonjali;

7. Illi l-konvenut qed jipprevalixxi ruhu minn din ic-citazzjoni biex jaghmel il-kontro-talba tieghu;

Rat id-dikjarazzjoni tieghu u l-lista tax-xhieda a fol. 13 u fol. 14 tal-process.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenut** rikonvenjent, datata 28 ta' Ottubru 2002 a fol. 14 fejn qal bil-qima:-

Illi r-ragel ilu mizzewweg lill-mara mid-9 ta' Ottubru 1981 u minn dan iz-zwieg twieled **"C"** li llum ghandu dsatax-il (19) sena;

Illi l-attrici saret hatja ta' abbandun, ingurji gravi, sevizzi, mohqrija u swat lejn zewgha; fil-fatt telqet mid-dar sentejn ilu; u b'hekk ukoll dan iz-zwieg gie rez impossibbli anke minhabba inkompatibilta' ta' karattru. L-attur qed jiprevalixxi ruhu mid-digriet ottenut mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili w anness mac-citazzjoni u minn din il-kawza sabiex jipprezenta din il-kontro-talba tieghu;

Illi l-mara kienet taggredixxi lir-ragel u anke gieli harqitu bis-sigarett;

Illi l-konvenut apparti l-fatt li ma' ghandux fejn jghix, ma kkommetta ebda htija li minhabba fiha ghandu jitlef il-jedd li jghix god-dar matrimonjali; flimkien ma' ibnu w ad eskluzjoni tal-attrici li abbandunat id-dar sentejn ilu w ikkommettiet htijiet gravi kontra l-konvenut; fil-fatt id-dar **"D"** hija parafernali tal-konvenut;

Illi l-istess konvenut rikonvenjent talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti mihabba l-abbandun, ingurji gravi, sevizzi, mohqrija w abbandun lejn il-konvenut maghmula mill-attrici *ai termini* tal-**Kodici Civili** u minhabba inkompatibilita' ta' karattru;

2. Tiddikjara u tordna li l-istess attrici titlef id-drittijiet kontemplati fl-**artikolu 631, 633, 633A, 825, 826** u **827 tal-Kodici Civili** kif ukoll tiddikjara kontra l-attrici u favur il-konvenut id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kodici Civili** kif ukoll tiddikjara wkoll id-data minn meta l-konvenuta wettqet l-ewwel htijiet taghha fil-konfront ta' zewgha;

3. Tordna t-tmiem u x-xolijment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet;

4. Tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti u l-beni parafernali tal-partijiet jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi u taqsam il-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti nofs kull wiehed b' dan pero' lill-konvenut

ghandu jigu assenjati fl-*intier* taghhom l-akkwisti li saru bil-hidma tieghu u jinghatatalu lura dak li hu ta lill-attrici b' donazzjoni bil-hsieb taz-zwieg jew waqt iz-zwieg jew b' xi titolu iehor u b' dan ukoll illi l-konvenut ghandu jinghata d-dritt skond **artikolu 55A tal-Kodici Civili** li wahdu mat-tifel jibqa' jghix fid-dar matrimonjali li hi parafernali tieghu;

5. Tahtar Nutar, u tiffissa data, lok u hin sabiex jekk ikun hemm bzonn issir il-qasma tal-komunjoni ta' l-akkwisti (hlief id-dar matrimonjali) kif likwidati u tahar kuraturi deputati biex fil-kontumacja jew l-assenza tal-attrici jidhru minflokha;

6. Tordna li l-konvenut wahdu jibqa' jghix fid-dar matrimonjali **"D"** u dan skond l-**artikolu 55A tal-Kodici Civili** – din id-dar hija parafernali tar-ragel;

7. Tordna lill-attrici ghandha tiddekadi mid-dritt li tircievi manteniment;

8. Tordna lill-attrici thallas il-manteniment skond il-bzonnijiet tieghu u l-mezzi taghha;

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut rikonvenjent u l-lista tax-xhieda a fol. 16 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut datata 15 ta' Novembu 2002 a fol. 21 tal-process, fejn eccepiet bir-rispett:-

1. Illi l-ewwel talba tal-konvenut ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali ma hijiex opposta b'dan pero' illi kien l-istess konvenut illi gab it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti;

2. Illi t-tieni talba hija opposta *stante* l-fatt illi kien l-istess konvenut illi gab it-tifrik irremedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u ghalhekk ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Ligi citati mill-konvenut u *di piu'* l-

konvenut iddekada minn porzjoni sostanzjali tal-gid komuni;

3. Illi t-tielet u r-raba talbiet dwar il-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti m' humiex opposti b'dan pero' illi jigi ppruvat liema huma l-oggetti dotali jew parafernali tal-attrici, u b'rizerva fis-sens illi l-attrici ma hijiex fil-pussess ta' kwalunkwe gid tal-konvenut, b'rizerva ulterjuri illi f' kaz illi l-konvenut jigi eventwalment dikjarat li ddekada mid-dritt tieghu fl-akkwisti maghmula principlament bil-hidma tal-attrici, tali dekandenza tigi applikata fid-divizjoni eventwalment ordnata billi jigu identifikati l-oggetti hekk akkwistati wara d-data illi fiha l-konvenut jigi misjub li kien hati tal-firda;

4. Illi l-hames talba hija superfluwa u dan peress illi tali talba generalment issir fir-rigward ta' proprejta' immobbli;

5. Illi t-talba tal-konvenut sabiex id-dar matrimonjali tigi okkupata esklussivament minnu *ai termini* tal-**artikolu 55A tal-Kap 16** hija opposta u *in oltre* jigi rilevat illi d-dar matrimonjali m' hijiex proprjeta' parafernali tal-konvenut izda giet akkwistata mill-partijiet qabel iz-zwieg u dana kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh ta' din il-kawza;

6. Illi t-tmien u disa' talbiet tal-konvenut dwar hlas ta' manteniment huma opposti billi l-konvenut ghandu introjtu ferm akbar minn dak percepit mill-attrici;

7. Illi salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda a fol. 22 u fol. 23 tal-process.

Rat il-verbal datat 3 ta' Dicembru 2002 fejn inghata digriet ghall-prezentata ta' nota guramentata tal-partijiet u digriet tal-affidavits lill-attrici terminu ta' sittin (60) gurnata. Il-Qorti nnominat bhala Perit Legali lil Dr Anna Mallia w ordnat lill-istess Perit Legali biex wara t-terminu tal-affidavits attrici tiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi attrici. Inghata digriet tal-affidavits lill-konvenut

b’terminu ta' sittin (60) gurnata. Il-Qorti ordnat lill-Perit Legali biex wara t-terminu tal-affidavits tal-konvenut tiffissa zewg seduti ghall-konkluzzjoni tal-provi tal-konvenut, kollox fil-mori tad-differiment u wara dan il-Perit Legali giet awtorizzata li tirrelata, a spejjez provizorjament attrici.

Rat in-nota tal-attrici datata 10 ta’ Dicembru 2002 a fol. 33 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenut datata 17 ta’ Jannar 2003 a fol. 36 tal-process.

Rat in-nota tal-attrici **“A”** datata 13 ta’ Frar 2003, li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha ta’ l-istess data u d-dokumenti minn Dok. “MCD 1” sa Dok. “MCD 9” minn fol. 41 sa fol. 58 tal-process.

Rat ir-rikors (1) tal-attrici, datat 4 ta’ Marzu 2003, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti biex tawtorizza lir-rapprezentati tal-banek lokali sabiex jixhdu u jigu liberati mis-sigriet professjonali.

Rat id-digriet datat 5 ta’ Marzu 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba w ezentat l-istess xhieda mis-sigriet professjonali, b’ dan li tali xhieda tkun disponibbli biss lill-partijiet, lid-difensuri tal-partijiet, lill-Perit Legali u/jew l-Assistent Gudizzjarju u lill-Qorti.

Rat in-nota tal-konvenut **“B”** datata 21 ta’ Marzu 2003, a fol. 69 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu datat 21 ta’ Marzu 2003 u ta’ ibnu **“C”**, tali affidavit jinsabu minn fol. 70 sa fol. 79 tal-process.

Rat ir-rikors (2) ta’ l-attrici datat 20 ta’ Gunju 2003, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti sabiex tawtorizza lill-esponenti illi fis-seduta li kien imiss quddiem il-Perit Legali jigu mharrka ghal darba ohra rapprezentati tal-banek lokali, din id-darba biex jixhdu dwar kontijiet f’isem it-tifel **“C”** u ghal dan l-iskop l-esponenti regghat talbet biex l-istess xhieda jergghu jigu liberati mis-sigriet professjonali.

Rat id-digriet datat 23 ta' Gunju 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba w ezentat l-istess xhieda mis-sigriet professjonali, b' dan li tali xhieda tkun disponibbli biss lill-partijiet, lid-difensuri tal-partijiet, lill-Perit Legali u/jew l-Assistent Gudizzjarju u lill-Qorti.

Rat il-verbal datat 22 ta' Ottubru 2003 fejn dehret Dr Anna Mallia bhala Perit Legali li nformat lill-Qorti li kellha seduti ffissati sal-14 ta' Novembru 2003 fejn kellhom jinghalqu l-provi.

Rat il-verbal datat 8 ta' Jannar 2004 fejn il-kawza giet differita ghar-rapport.

Rat id-Dok. "PT 3" rappresenti l-paga ta' l-attrici ghas-sena 2002; Dok. "MCD 10" li huwa kopja tal-ledger li kien izomm l-konvenut, fejn l-attrici tghid li dan jindika l-ammonti li l-konvenut hallas lura lill-familjari tieghu ghas-self li kien sar sabiex tinxtara d-dar; Dok. "RM 1" sa Dok. "RM 3" paga ta' l-attrici ghas-snin 2000 sa 2002 mas-socjeta' MPS Limited; Dok."TS" prospett esebit mill-attrici; Dok. "ACD 1" prospett esebit mill-konvenut dwar l-ispejjez li saru matul iz-zwieg; Dok. "CFA" – prospett ta' kont banjarju li kellha l-attrici qabel iz-zwieg li gie maghluq fid-19 ta' Awissu 1980; Dok. "HCD 1" sa Dok. "HCD 8" kollha kontijiet f'isem iben il-kontendenti **"C"** fil-Bank of Valletta plc. esebiti minn Paul Gambina rappresentant ta' l-istess Bank fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2003. Dok. "AM 1a" , Dok. "AM1" u Dok. "AM2" minn fol. 155 sa 168 tal-process.Fuq kollox rat id-dokumenti u l-atti kollha esebiti nkluzi stima fi process ta' cirka 560 pagna

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Anna Mallia fit-3 ta' Marzu 2003 fejn xehdu **"H" in rapprezentanza tal-HSBC Bank**, **Norbert Bartolo in rapprezentanza tal-APS**, **"J" in rapprezentanza tas-socjeta MPS Limited**, u l-attrici **"A";** fil-25 ta' Marzu 2003 fejn xehdu **James Duca in rapprezentanza tal-APS Bank**, **Vanessa Camilleri in rapprezentanza tal-Lombard Bank**, **"H" in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc**, **Ernest Muscat in rapprezentanza ta' l-Air Malta**, **Paul Gambina in rapprezentanza tal-Bank of**

**Valletta**, **"E"** omm l-attrici, oht l-attrici **"F"** u **"G"** li tigi oht l-attrici; fid-29 ta' April 2003 **"H" in rapprezentanza tal-HSBC** u **"J" in rapprezentanza tal-Kumpanija MPS Limited** in kontro-ezami; fit-13 ta' Mejju 2003 fejn sar verbal mill-perit legali, fit-28 ta' Mejju 2003 **"H"** u l-konvenut **"B"**, fit-13 ta' Gunju 2003 fejn xehed il-konvenut **"B"** in kontro-ezami, fid-9 ta' Lulju 2003 fejn xehdu **"H", James Duca, Vanessa Camilleri** u **Paul Gambina**; 2 ta' Settembru 2003; fil-11 ta' Settembru 2003; fit-23 ta' Settembru 2003 kompla jixhed in kontro-ezami l-konvenut **"B"**, fl-20 ta' Ottubru 2003 fejn xehed iben il-partijiet **"C"** in kontro-ezami; fit-30 ta' Ottubru 2003 fejn xehed iben il-partijiet; fis-6 ta' Novembru 2003 fejn xehdet l-attrici **"A"** in kontro-ezami, fl-14 ta' Novembru 2003 fejn kompliet tixhed in kontro-ezami l-attrici **"A"**, fl-1 ta' Dicembru 2003 u fl-10 ta' Dicembru 2003 fejn kompliet tixhed in kontro-ezami l-attrici **"A".**

Rat il-verbal datat 18 ta' Frar 2004, fejn il-Perit Legali Dr. Anna Mallia halfet ir-rapport.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Anna Mallia, minn fol. 496 sa fol. 510 tal-process.

Rat in-nota tal-attur datata 26 ta' Frar 2004, a fol. 512.

Rat il-verbal datat 27 ta' April 2004, fejn Dr Tanya Sammut irrimettit ruhha ghar-rapport. Dr. Mark Anthony Mifsud Cutajar talab li jipprezenta nota t'osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghat it-talba u ppreffiggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata lill-konvenut biex jipprezenta n-nota t'osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu erbghin gurnata biex jirrispondi.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut datata 4 ta' Gunju 2004, minn fol. 514 sa fol. 530.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attrici datata 5 ta' Awissu 2004, minn fol. 531 sa fol. 534.

Rat il-verbal datat 12 ta' Ottubru 2004, fejn il-kawza giet differita minhabba indispozizzjoni ta' din il-Qorti.

Rat in-nota responsiva tal-konvenut datata 15 ta' Ottubru 2004.

Rat il-verbal datat 25 ta' Jannar 2005.

Rat il-verbal datat 9 ta' Marzu 2005, fejn id-difensuri ddikajraw li tfal minuri ma hemmx u li l-partijiet jahdmu t-tnejn. Il-konvenuta minhabba li kellha paga anqas minn tal-attur kienet qed tippretendi manteniment ta' hamsa u erbghin lira (Lm45) fix-xahar, minbarra hlas ta' l-arretrati mill-11 ta' Ottubru 2001 (data tad-digriet tas-Sekond'Awla). Il-konvenut sostna li ma kellux ihallas manteniment. Id-difensuri trattaw il-kaz. Dr Tanya Sammut talbet li tesebixxi stima tad-dar matrimonjali b'dan li l-konvenut jipprovdilha access sabiex issir tali stima. Dr. Mark Mifsud Cutajar talab li jesebixxi stima tal-mobbli. Il-Qorti laqghat it-talba ghaz-zewg stimi u prefiggiet terminu ta' xahar biex jigu esebiti tali stimi li kellhom jigu notifikati lill-kontroparti rispettiva.

Rat in-nota tal-konvenut datata 29 ta' Marzu 2005, a fol. 541, li permezz taghha prezenta stima tal-mobbli.

Rat in-nota tal-attrici datata 8 ta' April 2005, a fol. 552, li permezz taghha prezentat stima tal-immobbli.

Rat il-verbal datat 28 ta' Gunju 2005, fejn id-difensuri talbu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza, l-Qorti laqghat it-talba u l-kawza giet differita ghall-31 ta' Jannar 2006.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi din hija kawza bejn zewg partijiet li assulutament, bhal hafna kazi ohra, kienet ghal kollox kombattuta, u fejn jidher li dahlet sew il-pika bejn il-partijiet, fejn ukoll digrieti tal-Qorti, anke tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili ma gewx

osservati, u certament li bhal f’kazijiet ohra hemm bzonn serju li jsiru regolament u ligijiet adatti sabiex jipprovdu sanzjonijiet adatti u anke applikabbli mill-Qorti stess meta il-partijiet li ma jottemporawx ruhhom ma’ l-ordinijiet ta’ l-istess Qorti jew ta’ dawk li kienet is-Sekond’Awla tal-Qorti Civili. Din il-Qorti fil-fatt thoss li l-providementi sa llum disponibbli ghal din il-Qorti ma humiex bizzejjed ghaliex ma humiex qed iwasslu ghall-effett mehtieg u dan jaghti lok ghall-abbuz mill-parti li tkun qed tinjora l-ordni tal-Qorti.

Illi intant f’din il-kawza kull parti allegat li l-htija tal-firda minn dan iz-zwieg kienet htija tal-parti l-ohra; ma hemm l-ebda dubju li dan huwa kaz ta’ firda personali u dan aktar u aktar meta l-istess attrici ilha li telqet mid-dar konjugali mill-1 ta’ Gunju 2000 u fil-fatt kienet kostretta tikri post iehor u inghata f’dan ir-rigward Digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili datat 11 ta’ Ottubru 2001 mill-Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri, liema digriet qatt ma’ gie osservat mill-istess konvenut, ghaliex hass li ma kellhux josservah – anke ghar-ragunijiet li huwa sahansitra ta bil-gurament tieghu fis-seduta quddiem il-Perit Legali fit-23 ta’ Settembru 2003 – fejn anke qal li ma hallasx ghaliex kien prezenta rikors u dan baqa’ ma giex decretat. Dwar dan il-Qorti sejra taghmel referenza aktar il-quddiem ukoll.

Illi intant, anke skond ir-rapport tal-perit legali, jirrizulta li sabiex issostni l-allegazzjonijiet taghha l-attrici xehdet li zzewget lill-konvenut fid-9 ta’ Ottubru 1981 u minn dan iz-zwieg kellhom tifel **“C”** li huwa llum maggorenni. Kienet armla b’ tifla minuri **“I”** li llum ukoll hija maggorenni, mizzewga u toqghod l-Ingilterra.

Illi dwar l-inkwiet matrimonjali l-attrici xehdet li skond hija z-zwieg tkisser minhabba inkomatibbilita’ ta’ karattru, u dan hija waslet ghaliha ghaliex tghid li l-karattru tal-konvenut huwa tali li dejjem irid ir-ragun u kollox irid jamministra u jikkontrolla huwa. Tghid li tant is-sitwazzjoni kienet hekk mill-bidu li kienet kostretta tibqa’ fid-dar konjugali ghall-ewwel sitt snin taz-zwieg biex tiehu hsieb it-tfal, wahda taghha li kellha meta kienet mizzewga qabel u kienet romlot u appuntu iben il-kontendenti li twieled fl-1 ta’ Novembru 1983 u li llum ghandu 22 sena.

Illi fl-fatt l-istess attrici tghid li l-istess konvenut kellu kontroll ta' kollox, kien jamministra l-flus kollha, u kellha titlob dejjem il-permess tieghu sabiex taghmel xi haga jew ahjar tonfoq xi haga. Hasset li flus li kellha ma kienux bizzejjed sabiex tghix u dan anke minhabba c-cirkostanzi li zewgha pogga fuqha u ghalhekk hija hassitha kostretta li fl-1987 tibda tahdem *part-time* u mbaghad *full-time* fejn ghadha tahdem sa llum. Dan anke ghaliex kif inghad ilha fuq il-hames snin li telqet mid-dar konjugali u kellha tipprovi anke *pendente lite* ghall-manteniment taghha u wkoll ghall-kera u servizzi ta' fejn kellha toqgghod u dan ghall perjodu ta' aktar minn hames (5) snin.

Illi fil-fatt hija tikkontendi li rigward flus u qliegh dan dejjem kienu amministrati minn zewgha u li sahanistra l-pagi tat-tnejn kienet jidhlu f'*joint account* li kellhom. Il-flus li kien jghaddilha l-konvenut kienu jmorru sabiex jithallsu l-ispejjez tad-dar u d-dejn ta' fuq id-dar matrimonjali. Tghid li anke certu affarijiet li tkun trid tixtri hi, bhal xi ghamara jew *washing machine*, zewgha kien jaqtaghhom mill-paga taghha u dwar dan tat diversi ezempji sabiex turi li hija kienet kompletament dominata minn zewgha f'dak kollu li setghet taghmel.

Illi hija tghid li l-inkwiet matrimonjali aggrava sew meta bintha mill-ewwel zwieg izzewget u marret toqghod l-Ingilterra. Hemmhekk il-konvenut beda jhossu aktar liberu u beda jghajjarha u bdiet anke torqod f' kamra ohra. Sahanistra tghid li fil-1995 kellhom argument vjolenti u f'dan l-incident kellhom jintervjenu l-pulizija u l-konvenut mar jgix tlett (3) xhur ghand ommu, mentri hija u t-tfal baqghu d-dar. Tghid li l-konvenut irritorna d-dar billi dahal jew ahjar uza l-forza u sgassa l-apertura mill-kamra tal-bejt u skond hija tghid li huwa rega' nfexx jerfa' idejh fuqha u ghalhekk kellha tallonta ruhha mid-dar matrimonjali.

Illi tghid li xorta wahda marret *counseling* ghal sena ghand certu Marianne Borg Cunen u wara sena regghet lura d-dar izda kien kollu ghal xejn. Hawn l-istess attrici tghid li l-koppja, konxji tal-fatt li l-firda kienet irrimedjabbli huma

ddecidew li jixtru villeggatura sabiex jghixu separatament izda mbaghad il-konvenut iddecieda li jikri post u mhux jixtri. Dan kien fl-1 ta' Gunju 2000. Hija marret f'dan il-post mikri izda baqghet tmur id-dar matrimonjali izda f'Awissu sabet li l-konvenut bidel is-serratura tad-dar matrimonjali u qafilha barra. B' hekk ma setghetx terga' lura d-dar. Tghid li zewgha kien weghda li ser ihallas il-kera izda baqa' ma ghamel xejn. Il-biza' taghha huwa li dalwaqt jiskadilha l-kuntratt ta' kirja u ma jkollhiex mezzi biex issib post iehor.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut jghid li l-inkwiet matrimonjali beda jumejn biss wara li zzewgu u dan meta marru l-*honeymoon* fl-Iskozja ghand il-kugin tal-attrici u hi kienet tqatta' hafna hin titkellem mieghu. Jghid li huwa tratta lill-bint l-attrici daqs li kieku kienet bintu u qatt ma hallieha nieqsa minn xejn tant li ghal ghaxar (10) snin shah kien ihallsilha skola privata.

Illi l-istess konvenut jghid li kien hemm hafna argumenti bejniethom u skond huwa dan kienu jkunu generalment jirrigwardaw muzika gholja li skond huwa kienet izomm l-attrici, t-tipjip taghha, xorb alkoholiku, problemi mal-familjari tieghu, fejn jakkuza lill-istess attrici b'nuqqas ta' rispett lejh u lejn binhom, hrug, li l-attrici ma kinitx taccetta kritika, ma zzommx kelmitha u li sahansitra kienet vjolenti fil-konfront tieghu. Isemmi kemm kienet tpejjep u tixrob kuljum, jghid ukoll kemm kienet tonfoq fuq ix-xorb; jallega li kemm-il darba harqitu bis-sigarett fuq sidru fil-prezenza ta' binhom, u jixhed li gielu ghalqitu barra fil-gnien u jsemmi incident parikolari f'Gunju 1995 fejn jghid li hija hedditu bi skieken ippontati. Jghid li mar ghand ohtu ghax hi hbietlu c-cwievet tad-dar biex zgur ma jergax jidhol lura d-dar. Xahrejn wara dahal id-dar billi qabez minn fuq il-bejt.

Illi l-istess konvenut kompla jghid li meta zzewget bint l-attrici hija waqghet fi dwejjaq kbar u f' Dicembru 1999 hu l-mara u t-tifel marru l-Ingilterra ghand it-tifla izda meta gew lura l-attrici waqghet f'dipressjoni serja. Jghid li kienet hi li suggeriet li tmur tghix ghal rasha u biex jara lill-mara kuntenta qabel u anke accetta li jhallas nofs il-kera.

Dan l-arrangament kellu ma jkunx ghal aktar minn sena. Fil-fatt jirrizulta li dan l-arrangament ghadu hekk sa llum u l-istess konvenut jghid li huwa ma hallasx l-ammont ta' kera li gie ordnat ihallas mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, u dan ghar-ragunijiet indikati minnu fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2003 a fol. 108 tal-process.

Illi xehed ukoll t-tifel taghhom **"C"** prodott mill-konvenut jghid li ommu kienet turi nuqqas ta' rispett lejn il-membri tal-familja ta' missieru u ma hallietux jarahom jew ikellimhom ghal hames snin shah. Anke lili ghal habta tal-1996 ma bdiet tirrispetta l-hsibijiet u l-opinjonijiet tieghu s-sitwazzjoni ghadha hekk sa llum. Jghid li f'Gunju 2000 ommu telqet ghax riedet u ma jistghax jifhem kif missieru setgha kien idejjaqha. Jallega u jixhed li ommu agixxiet b'mod vjolenti fil-konfront ta' missieru, kienet tpejjep hafna kienet tixrob mill-anqas flixkun inbid kuljum. Jiftakar l-incident tal-1995 tas-skieken izda qatt ma ra lill-missieru jkun vjolenti fuq ommu. Ihossu mweggha ghax ommu qaltlu li hu gie sforz kemm ried tarbija missieru. Kienu jwaslu lill-ommu ghandu certu Bertu li kellu bar ir-Rabat u kienu jistennewha fil-karozza sakemm jergghu lura d-dar tard bil-lejl.

Illi fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2003 jerga jsemmi dan l-incident u jghid li huwa kien qabez ghal ommu f'kaz vjolenti ghaliex *"sejhitli hi".* Jghid li ommu telqet ma' bintha u kellu jghix ma' missieru u jghid ukoll li *"meta mort niddefendi l-ommi f'din l-okkazzjoni ma' rajt xejn f'idejn ommi. Meta sejhitli ommi ma' kelli xejn f'idejja".* Fl-istess xhieda saret referenza ghad-depoziti bankarji indikati bid-dokumenti Dok. "HCD 1" sa Dok. "HCD 8" kollha mal-Bank of Valletta plc li jinsabu f'ismu u jghid li dawn kienu rigal minghand missieru li l-ammont kien ta' disa' t'elef lira Maltija (Lm9,000) – in verita' l-ammont kien anke iktar minn hekk ta' cirka Lm9,964.97.

Illi quddiem il-perit legali il-partijiet gew mitluba sabiex jipprezentaw nota separata dwar il-pretensjonijiet taghhom u pprezentaw Dok. "AM1" u "AM2" rispettivament. Skond l-attrici (Dok. "AM2") il-pretensjonijiet jirrigwardaw id-dar matrimonjali,

manteniment, kontijiet bankarji, oggetti parafernali, oggetti tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, u l-vettura Skoda u l-Qorti taghmel referenza ghall-istess.

Illi fil-kuntest ta’ dan kollu ma’ hemm l-ebda dubju li it-talba ghall-firda personali bejn il-partijiet ghandha tintlaqa’ u certament li l-partijiet it-tnejn huma konxji tal-fatt li l-konvivenza ta’ bejniethom ma’ ghadhiex aktar possibbli. Pero’ din il-Qorti hija obbligata li abbazi tal-provi prodotti tiddeciedi jekk tali firda personali hija attribwibbli liz-zewg partijiet, lill-wahda minnhom, jew jekk hijiex biss dovuta ghall-inkompatibilita’ ta’ karattru li kawza ta’ l-istess z-zwieg tkisser irremedjabilment.

Illi fil-fatt il-partijiet fil-kawza u l-kontro-talba taghhom jakkuzaw lill xulxin b’aggravji serji, li bhal ma’ gie gudizzjarment ripetut diversi drabi mhux mehtieg li jikkonkorru l-eccessi, is-sevizzji, il-minacci u l-ingurji gravi, izda kwalsiasi wiehed minn dawn l-elementi huwa sufficjenti sakemm hija tali li tivvjola profondament il-konvivenza konjugali u f’dawn ic-cirkostanzi ma’ hemm l-ebda dubju li anke jekk jigi ppruvat akkgravju wiehed biss mill-hafna citati mill-partijiet dan ikun bizzejjed sabiex jipprovdi ghall-separazzjoni personali. Dan apparti dak hemm provdut fl-**artikolu 40 tal-Kap 16** minhabba li l-hajja flimkien ma’ tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment u jekk jikkonkorru l-elementi indikati fl-istess tieni paragrafu ta’ l-istess artikolu

Illi l-perit legali fir-rapport sostniet li l-Qrati taghna konsistentement irritenew li hemm kaz ta’ sevizzi meta l-agir ta’ parti joffendi lill-persuna li kontra taghha huma diretti b’mod li dan l-agir jiggenera fih jew fiha dulur, esacerbazzjoni u/jew avverzjoni profonda kontra l-konjugi li jkun l-kagun taghhom. Abbazi ta’ din id-definizzjoni l-istess perit legali sostniet li l-ewwel talba ghandha tigi milqugha ghaliex iz-zewg partijiet kienu skond hija responsabbli ugwalment ghat-tkissir ta’ dan iz-zwieg. Tghid li hemm sevizzi kontra xulxin ghaliex kemm l-agir ta’ wiehed kif ukoll tal-ohra abitwali jew almenu ripetuti b’ mod li rrendew l-konvivenza nsopportabbli. Hawn issir referenza ghal dak li sostniet il-perit legali dwar

responsabilita' tal-firda personali f'paragrafu sebgha (7) tar-rapport taghha mahluf fit-18 ta' Frar 2004, bazikament a fol. 502 tal-process.

Illi l-partijiet ma' qabblux ma' din il-konkluzzjoni u l-konvenut ipprezenta nota ta' osservazzjonijiet fejn sostna li din il-konkluzzjoni hija zbaljata peress li huwa ma' kien hati ta' ebda sevizzi, izda kienet l-attrici li kienet hatja ta' vjolenza fizika u abbandun tal-familja; l-istess konvenut jaghmel diversi osservazzjonijiet sabiex jikkritika r-rapport tal-perit legali u jakkuza li ma' ghamlet l-ebda accenn ghal dak li huwa hass u semma bhala provi tieghu u jghid li l-istess perit legali ghamlet bhal *"Salamun u t-tort tat-tkissir taz-zwieg gie mitfugh fuq it-tnejn, nonostante li dawn il-fatti hargu mix-xhieda u ma gewx kontradetti……..."* (fol.522).

Illi min-naha l-ohra l-attrici tghid hija wkoll ma taqbilx ma' dak li kkonkludiet l-istess perit legali fir-rapport taghha u tghid li hija kienet kostretta titlaq mid-dar minhabba li l-konvenut kien dominanti fuqha u ried kollox kif xtaq huwa, tant li lanqas ghall-ftehim bonarju qatt ma' setghet tasal.

Illi din il-Qorti thoss li wara li ezaminat bir-reqqa dovuta l-provi kollha prodotti, u d-dokumenti kollha esebiti, u mhux biss dawk imsemmija u tirreferi ghalihom l-perit legali fir-rapport taghha, thoss li l-konkluzzjoni tal-perit legali hija simplifika wisq u kif jidher mill-istess rapport gew injorati diversi provi u fuq kollox il-komportament tal-partijiet waqt il-kawza li kollha jindikaw li kien hemm parti li kienet fil-fatt responsabbli ghal din il-firda personali. Fil-fatt din il-Qorti, kif hija obbligata li taghmel kull Qorti, tinnota mhux biss ix-xhieda prodotta, izda wkoll il-komportament ta' parti kemm waqt ix-xhieda u kemm waqt il-kawza u minn dan kollu jidher li l-versjoni tal-konvenut hija ghal kollox inverosimili, insostenibbli u mhux kredibbli.

Illi fl-ewwel lok jidher li l-kawza tas-separazzjoni kien il-fatt ppruvat konkludentement minn dawn il-proceduri li l-istess konvenut ried jikkontrolla kollox inkluz l-finanzi kollha mhux biss mid-data taz-zwieg, izda mill-mument li iltaqa' ma' l-attrici, tant li mill-ewwel ghamel il-post fuq ismu,

minkejja l-fatt li l-istess fond kien desitinat u inxtara mit-tnejn sabiex iservi bhala d-dar konjugali, u jidher li fil-fatt huwa ried jagixxi bhala komputista, li hija l-professjoni tieghu, anke fid-dar, b'dan ukoll pero' li huwa ma llimitax l-agir tieghu biss sabiex izomm kontroll jew rendikont ta' l-ispejjez u d-dhul, izda r-rwol tieghu kien hafna ikbar u cjoe' dak li jiddomina lill-attrici u kien huwa u huwa biss li setgha jara x'setghet taghmel l-attrici u dan f'kollox inkluz finanzjarjament, tant li l-attrici setghet timxi biss bil-permess tieghu, ghaliex altrimenti kien kaz ta' inkwiet u storbju.

Illi dwar dan l-istess perit legali sostniet li:-

*"Il-konvenut huwa accountant jew jahdem fl-accounts u ma hemmx dubju li mill-bidu taz-zwieg iddecieda wahdu, u minghajr konsultazzjoni ma' martu, li anke d-dar ser jaghmilha ta' accountant. Il-flus kien jamministrahom hu u l-mara ma kellha ebda dritt ghal opinjoni taghha tant li anke jekk riedet tixtri xi haga dan kien dejjem bil-kunsens ta' zewgha w aktar tard meta bdiet tahdem bdiet tixtrihom minn flusha. Jirrizulta li hafna mid-decizjonijiet dwar self ta' flus kien jehodhom hu minghajr ma jikkonsulta lill-mara".*

Illi fil-fatt il-konvenut ammess li huwa kien izomm *ledger* ta' kollox u kien jikkontrolla l-finanzi kollha huwa stess. Mhux hekk biss izda jidher li kien adiritturra jikkontrolla kollox inkluz id-dar u l-ghamara u fil-fatt is-sitwazzjoni attwali hija li l-attrici kellha tohrog mid-dar u hekk ilha minn Gunju 2000 u minkejja li gie ordnat mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili sabiex almenu ihallas nofs il-kera li hallset l-attrici tul dan iz-zmien kollu, huwa sa llum ma' ghamel xejn minn dan, anzi b'xhieda mill-iktar elokwenti u aroganti moghtija fit-23 ta' Settembru 2003 huwa ammetta li ma hallasx l-istess ammont minkejja ordni tal-Qorti, u jidher li minkejja li saru osservazzjonijiet lilu dwar dak li allega dwar presenza ta' rikors anke mill-perit legali, l-istess konvenut kompla jippersisti fl-agir illegali tieghu quddiem din il-Qorti stess u sa llum baqa' ma osservax id-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 11 ta' Ottubru 2001. Dan ghaliex ovvjament ma kinitx decizjoni tieghu.

Illi dwar dan in-nuqqas tal-konvenut l-istess perit legali qalet dan:-

*“Hi l-fehma tal-Qorti li l-konvenut u hadd ma ghandu jinjora ebda ordni tal-Qorti u din il-Qorti qed tibghat messagg car li agir bhal tal-konvenut li minghajr ebda raguni valida u minghajr ma ghamel ebda sforz sabiex ivarja jew ibiddel tali ordni tal-Qorti gie jaqa’ u jqum u ma ghadda ebda manteniment lil martu mid-data tad-digriet sa llum”.*

Illi dwar dan il-Qorti ser tipprovdi iktar il-quddiem izda huwa car li dan huwa wiehed minn diversi kazi fejn parti ma tosservax ordni tal-Qorti, kemm jekk hija Sekond’Awla u kemm jekk inhi ta’ din il-Qorti anke fi stadju *pendente lite* u f’dan il-kaz il-konvenut hass li dan setgha jaghmlu mhux biss b’impunita’ izda wkoll bi dritt tieghu, tant li kompla jsegwi dan l-attagament tieghu negattiv tul il-kawza kollha w anke pprezenta kontro-talba, minkejja li hafna u fil-fatt il-maggoranza tat-talbiet huma ripetizzjoni ta’ dak li hemm mitlub fic-citazzjoni attrici – b’dan il-kawza naturalment twallet u l-parti li kienet qed tissubixxi dan kollu kompliet tbati tul il-kawza kollha, ghalkemm kien hemm passi li l-attrici setghet tiehu wkoll.

Illi mhux hekk biss izda jidher li filwaqt li huwa jghid li ma’ l-attrici ma’ kien jaqbel f’xejn u jakkuza lill-attrici b’diversi sevizzi, pero’ konvenjentement ghalih jghid li l-partijiet dejjem qabblu li kien huwa li kellu jamministra l-gid tal-familja tieghu ma’ martu, u dan ifisser biss ghall-konvenut li dak li jghid huwa ghandu japplika, tant li kien sahansitra jamministra l-paga taghha u hija kellha titlob permess lilu sabiex tixtri xi mobbli; jidher li l-istess konvenut kien izomm ledger, kien jikkontrolla l-infieq kollu u jiddetta dak li setghet taghmel l-attrici jew le u ried u ezercita kontroll fuq kollox, dar, mobbli, depozitu u sahanistra lil ibnu li uzah litteralment ghall-iskopijiet tieghu kif ser jigi indikat ukoll f’din is-sentenza.

Illi fil-fatt minhabba dan il-kontrol eccessiv tal-konvenut l-istess attrici kienet kostretta li tohrog tahdem ghall-ewwel

*part-time* minn 1987 u llum ghandha mpjieg biss; jidher li ssaportiet din is-sitwazzjoni sakemm bintha zzewget u wara ma felhitx izjed tghix fl-istess dar konjugali, izda xorta ghazlet li taghmel dan bi ftehim mal-konvenut fis-sens li kellha tikri post fejn tmur tghix sakemm jirrangaw il-pendenzi taghhom, haga li baqghet ma saritx ghaliex l-istess konvenut mhux biss ma kkontribixxiex ghall-kera li kellha thallas l-attrici anke fil-mori tal-kawza, u dan minkejja l-ordni tal-Qorti indikata (ordni li sallum ghada *in vigore*) izda filwaqt li l-istess attrici kellha access ghad-dar meta telqet mid-dar fl-1 ta' Gunju 2000, l-konvenut b'effett minn Awissu 2000 sakkar lill-attrici barra mid-dar, b'dan li minn dakinhar hija ma' kellhiex access ghall-istess dar u dan proprju minhabba li l-istess konvenut ha l-ligi f'idejh u ghalaq lill-attrici barra ghaliex iddecieda li f'dik id-dar jghix huwa u huwa biss ma' ibnu, bl-eskluzzjoni ta' l-attrici. Wara dan kollu l-istess konvenut jghid u jipprova jipprofitta ruhu mis-sitwazzjoni in forza tal-pussess li huwa ha vjolentament u jghid li l-attrici abbandunat id-dar konjugali, allegazzjoni u vantazzjoni li din il-Qorti fic-cirkostanzi tal-kaz thoss li hija krudili, vessatorja u mmirata sabiex twegga' lill-attrici u dan huwa rifless bil-mod ukoll kif saret l-istess kontro-talba tal-konvenut innifsu fejn appuntu semma' l-abbandun bhala bazi tat-talba tieghu ta' separazzjoni.

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti hija wkoll konxja ta' dak kollu li ghamel il-konvenut sabiex jassigura ruhu li l-attrici ma' tiehu xejn minn dak li huwa tal-komunjoni, tant li qabel din il-kawza u fil-mori tal-kawza huwa ghalaq diversi kontijiet bankarji li kienu f'ismu kif jirrizulta mid-dokumenti "PG 1" sa "PG 10" fejn uza ukoll indirizzi mhux tad-dar tieghu, u wkoll fetah diversi kontijiet f'isem ibnu stess, tali depoziti kollha mal-Bank of Valletta p.l.c jammontaw ghal kwazi Lm10,000, li l-istess ibnu jiddeskrivi bhala rigal minn missieru (Dok. "HCD 1" sa Dok. "HCD 8"), u dan meta fl-istess waqt l-istess konvenut ma kienx qed ihallas manteniment ta' Lm45 biss sabiex jikkontribwixxi ghan-nofs il-kera li l-attrici kienet kostretta u ppruvat li qed thallas sabiex tahrab minn dan l-agir manipulanti tal-konvenut; tali agir favur l-istess iben il-kontendenti wassal lill-istess iben il-kontendenti sabiex apparentament jiehu

naha ta' missieru. Pero' dan irendi x-xhieda tieghu wkoll inverosimili u mhux kredibbli, kif wara kollox wera fix-xhieda tieghu quddiem l-Perit Legali meta kellu jammetti li kien huwa li almenu f'okkazzjoni wahda dahal bejn il-partijiet sabiex jipprotegi lil ommu mill-attakki ta' missieru; ghalkemm wara gie riprodott jixhed sabiex jirranga din ix-xhieda tieghu.

Illi dwar dan l-istess perit legali sostniet hekk:-

*"Mill-kontijiet bankarji prodotti, jidher car li l-konvenut anke fetah kontijiet bankarji fuq ismu izda fuq indirizzi mhux tad-dar matrimonjali fosthom fejn kien jahdem u anke fuq certu Debattista. Irrizulta wkoll li l-flus li kellu f' kontijiet bankarji ghalaqghhom u ghamilhom f' isem it-tifel* ***"C"****. Dan kollu sar ad insaputa tal-mara".*

Illi huwa veru li l-istess attrici ma hijiex mara perfetta; fil-fatt hija stess ma' tippretendiex dan u certament kienet tpejjep u ukoll kienet thobb tiehu tazza inbid, izda ma' gie ppruvat bl-ebda mod li l-istess attrici kellha l-vizzju tax-xorb ghalkemm ma' hemm l-ebda dubju li l-mod kif kienet trattata mill-konvenut kien wiehed li waqqaha f'dipressjoni u kien ghalhekk li kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali ghaliex altrimenti kienet kostretta titlob il-*pocket money* minghandu.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti tinnota kemm il-konvenut lest li jghid dak kollu li jaqbel lilu biss tant li minkejja l-fatt li huwa stess kien jaghmel in-notamenti kollha b'dettal liema bhalu fil-ledger tieghu u jidher li din kienet kompletament f'idejh u litteralment il-missjoni tieghu, meta kien konvenjenti ghalih kien huwa stess li ma qabilx ma' dak minnu stess fl-istess rendikont u dan kif jidher mix-xhieda tieghu quddiem il-Perit Legali a fol. 105 tal-process fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2003. Dan certament irrendi x-xhieda tal-konvenut bhala wahda li din il-Qorti ma' tistax taccetta bhala veritiera jew b'xi mod konsistenti u wisq inqas ppruvata. Anzi l-istess tattika ta' xhieda tismentixxi u timmina l-veracita' allegata kollha tal-versjoni tal-konvenut.

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li t-talba attrici ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet minnha indikati u dan *stante* li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' sevizzi, eccessi u ingurji gravi li kawza ta' l-istess iz-zwieg bejn il-kontendenti ma huwiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irremedjabilment ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut.

Illi dwar l-obbligi tal-manteniment tal-konjugi huma regolati bl-**artikolu 3 tal-Kap 16**. Fil-kaz in ezami l-partijiet it-tnejn jahdmu w ilhom hekk ghal diversi snin ferm qabel beda l-inwkiet matrimonjali. Fil-fatt l-attrici tahdem ma' MPS Limited bhala *production secretary* u skond ix-xhud **"J"** mill-istess kumpanija ilha tahdem hemm ghal dawn l-ahhar tnax-il (12) jew tlettax-il (13) sena. Gew pprezentati l-PT3s tas-snin 2000, 2001 u 20002 – Dok. "RM1", Dok. "RM2" u Dok. "RM3" tal-attrici u minn hemm jirrizulta li ghandha hamest elef, disa' mija u erbgha u erbghin lira u disgha u tmenin centezmu (Lm5,944.89) gross li wara li tnaqqas mal-elf lira (Lm1,000) taxxa u bolla jibqghalha mal-erba mitt lira (Lm400) fix-xahar f'idejha li minnhom trid thallas elf u tmenin lira (Lm1,080) kera fis-sena.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut jahdem bhala *Management Accounting Manager* mal-Air Malta u ilu jahdem hemm mill-1977 u skond il-PT3 tieghu jirrizulta li jaqla sebat elef, disa' mija u disgha u disghin lira (Lm7,999) gross barra tlett mitt u disgha u disghin lira u hamsa u disghin centezmu (Lm399.95) *duty allowance* u mitejn u ghoxrin lira (Lm220) *government bonuses*.

Illi jirrizulta izda li s-Sekond'Awla tal-Qorti kienet ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' hamsa u erbghin lira (Lm45) fix-xahar skond l-istess digriet datat 11 ta' Ottubru 2001 – Digriet Numru 1439/2001 sabiex ikopri nofs l-ispejjez tal-kera tar-residenza attwali taghha, liema digriet ghadu vigenti sa llum. Ghalhekk mid-data tad-digriet tas-Sekond' Awla fil-11 ta' Ottubru 2001 sa llum dan jammonta ghal 4 snin u tlett (3) xhur jammontaw ghal elfejn u mitejn u hamsa u disghin Lira Maltija (Lm2,295)

Illi l-attrici tghid ukoll li mis-sena 1995 sa llum nefqet erbat elef mitejn u tletin lira (Lm4,230) bhala kera, senserija f' diversi appartamenti fejn kriet u dan skond Dok. "AM3". Tghid li bejn is-snin 1995 u 1999 kienet kostretta tallontana ruhha ghal xi xhur u fis-sena 2000 kellhom arragament sabiex il-konvenut ihallas nofs il-kera ghal sena minn Gunju 2001 izda wara xahrejn il-konvenut biddel is-serratura u qafilha barra.

Il-konvenut jammetti fix-xhieda in kontro-ezami li huwa qatt ma hallas lill-attrici manteniment u ghalhekk l-ammont ta' elfejn u mitejn u hamsa u disghin Lira Maltija (Lm2,295) huma dovuti mill-konvenut lill-attrici bhala arretrati bl-imghax legali mid-data ta' kull skadenza rispettiva sa' l-effettiv pagament. Dan huwa kaz fejn il-konvenut ma' osservax l-ordni tal-Qorti kapriccosament.

Illi dwar manteniment din il-Qorti tirrileva li apparti l-kwistjoni tal-hlas ta' arretrati ta' manteniment skond id-digriet vigenti tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, l-posizzjoni llum hija li z-zewg partijiet jahdmu u dan ghaliex l-attrici hekk kienet kostretta taghmel zmien ilu, u d-dritt taghha ta' manteniment li huwa ezistenti ser jigi kkunsidrat u trattat anke fl-optika ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 54 (6) tal-Kap 16,** fejn anke minhabba din ir-raguni l-istess attrici ser tigi assenjata lilha nofs indiviz minn dik li kienet id-dar konjugali u dan anke fi-kuntest ma' dak li ser jinghad iktar il-quddiem, b'dan li kull eventwali dritt ta' manteniment ta' l-attrici ser jigi b'effett mid-data tas-sentenza wkoll saldat b'dan il-mod.

Illi fil-fatt dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti din il-Qorti thoss li l-kwistjoni principali hija dwar id-dar konjugali **"D"** li skond stima tal-Perit Tekniku Mario Cassar hija stmata li tiswa disghin elf lira Maltija (Lm90,000); din id-dar jirrizulta li inxtrat qabel iz-zwieg f'isem il-konvenut biss izda ma hemm l-ebda dubju li l-istess dar kienet intenzjonata sabiex tigi akkwistata mit-tnejn bhala d-dar matrimonjali; fil-fatt l-istess attrici kienet prezenti ghall-istess kuntratt, izda l-konvenut ipperswadiha li kien bizzejjed li jidher huwa biss; ovvjament hekk kien ikollu kontroll ta' kollox. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma hemm l-ebda dubju dwar dan

u f'dan l-attrici hija kkoroborata mix-xhieda ta' ommha **"E"** u ta' hutha **"F"** u **"G"**, li kollha ddikjaraw li l-koppja kellhom l-intenzjoni li jakkwistaw l-istess dar bhala r-residenza matrimonjali taghhom; barra minn dan jidher car li l-istess negozju ghall-istess dar sar mit-tnejn proprju b'dan l-iskop tant li fl-affidavit tieghu l-konvenut jghid li meta xtraw id-dar fil-15 ta' Marzu 1980 dan gara ghaliex kif xehed fl-affidavit tieghu datat 21 ta' Marzu 2000:-

*"Sibna dar go l-Imsida. Din kienet tiswa Lm7,100 u billi jien kelli mdwar Lm4,000 kelli nissellef Lm1,000 minghand* ***"A"*** *li qablet li sselifhomli u Lm2,000 minghand ommi u huti biex inkun nista' nixtri d-dar li tinsab* ***"D"****".*

Illi din il-Qorti thoss li dan l-allegat self minghand l-attrici ma' kien self xejn; l-attrici kkontribwiet dak li kellha ghall-akkwist ta' l-istess fond, u fil-fatt hadd mill-partijiet ma' stenna li l-konvenut ihallas lura tali ammont; fil-fatt dan qatt ma' hallsu proprju ghaliex self ma' kienx; konvenjentement ghalih jghid li huwa lest li jaghti lill-attrici s-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000) llum – u dan fuq dar li tiswa disghin elf lira Maltija (Lm90,000); izda certament li dan ma ghandux ikun il-kaz jekk verament din il-Qorti trid taghmel gustizzja bejn il-partijiet; din id-dar giet irrangata wkoll bil-flus tal-kontendenti u l-provi migbura juru wkoll li kull dejn li kellu l-konvenut mal-familjari tieghu thallas waqt iz-zwieg mill-fondi tal-komunjoni, u dan gie ppruvat mid-dokumenti kollha u stimi esebiti mill-attrici u mill-l*edger* li kien izomm l-istess konvenut bil-kaligrafija tieghu, ghalkemm fix-xhieda tieghu fejn ma' jaqbilux ma qabilx ma' l-ammonti minnu stess indikati kif indikat iktar il-fuq (fol. 105). Jigi ndikat li ghalkemm l-istess konvenut kemm-il darba semma' lill-familjari tieghu, xhieda minnhom ma produciehx. Ghalhekk f'dan il-kaz japplika wkoll l-insenjament moghti fis-sentenza **"Marthese Vella proprju et nomine vs George Vella"** (P.A. (PS) – 28 ta' Frar 2003) fejn gie kkonfermat *"li huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna li f'kazijiet konsimili illi l-akkwist ta' l-immobbli fl-interess ta' haddiehor jiswa' alavolja l-ftehim dwar dan l-akkwist bejn l-akkwirent u l-persuna l-ohra ma jkunx sar bil-miktub".* Ghalhekk din il-Qorti abbazi tal-premess tiddikjara li l-attrici ghandha sehem ta' nofs

indiviz mill-istess dar u qed tassenja nofs indiviz ta' l-istess dar lill-attrici suggett ghall-provedimenti li ser jinghataw f'din is-sentenza, b'dan ukoll pero' li din l-assenjazzjoni lill-attrici ta' l-istess porzjoni ta' nofs indiviz ta' l-imsemmija dar qed issir ukoll bl-applikazzjoni favur l-attrici d-disposizzjonijiet ta' l-**artikoli 48 u 54 (6) tal-Kap 16** u b'hekk ghas-saldu ta' kull pretensjoni ta' manteniment ta' l-attrici li hija setgha kellha mid-data tas-sentenza il-quddiem kontra l-konvenut; dan ifisser li l-istess nofs indiviz qed jinghata wkoll sabiex jissalda kull dritt ta' manteniment ta' l-attrici kontra l-konvenut millum il-quddiem, salv dejjem ghall-arretrati ta' manteniment dovuti *pendente lite* sad-data tas-sentenza mid-data tad-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili li l-konvenut naqas li jhallas, li din il-Qorti qed tordna li l-istess konvenut ihallas lill-attrici ikkalkulati mid-data ta' l-istess digriet sad-data ta' din is-sentenza.

Illi in vista tal-premess u madankollu din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, hija ghandha u qed tordna l-bejgh in subasta ta' l-istess fond **"D"**, b'dan li r-rikavat ta' l-istess l-attrici ghandha tiehu s-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000) mentri l-konvenut ghandhu jiehu s-somma ta' erba' t'elef lira Maltija (Lm4,000), (flus li kull parti harget sabiex inxtara l-post) u l-bilanc mir-rikavat jinqassam bin-nofs bejn il-partijiet. Kawza ta' l-istess din il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din is-sentenza l-istess konvenut jizgombra mill-istess fond, b'dan li l-istess fond ma' ghandhux jitqies bhala d-dar matrimonali tal-partijiet.

Illi dwar id-depositi bankarji l-attrici tghid li hemm *joint account* f'Jersey ta' hames elef lira sterlina (5,000 stg.) haga li l-konvenut ma nnegax u ghalhekk hi l-fehma din il-Qorti li dan il-kont ghandu jinghalaq u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet kellhom kontijiet bankarji fl-HSBC u fil-Bank of Valletta p.l.c. u bhal ma jigri dejjem meta jinqala' l-inkwiet fiz-zwieg hafna minn dawn il-kontijiet jixtorbu jew jinghalqu, kif iddiskriviet il-perit

legali. Minn dawk li nxtorbu jirrizulta li hemm fl-HSBC Bank Malta plc jirrzulta li hemm (a) kont f' isem l-attrici li ghandu bilanc ta' disgha u sebghin lira u sitta u hamsin centezmu (Lm79.56) (Dok. "CF2"), u (b) kont f' isem l-attrici li ghandu bilanc ta' tnejn u ghoxrin lira u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm22.27) (Dok. "CF3"). Fil-Bank of Valletta hemm (a) kont kurrenti tal-konvenut li ghandu bilanc ta' sitta u tletin lira u sbatax-il centezmu (Lm36.17) (Dok. "PG1"); (b) kont *savings* f' isem il-konvenut, account f' isem **"C"** ta' elf, hames mija tmienja u tletin lira u tlieta u ghoxrin lira (Lm1,538.23) (Dok. "PG2"); (c) Savings Account f' isem il-konvenut bilanc ta' hamsin lira u tmintax-il centezmu (Lm50.18). Irrizulta wkoll li l-konvenut kellu tlett kontijiet bankarji Dok. "PG6" li fit-13 ta' Novembru 2000 il-konvenut kellu bilanc ta' elfejn seba' mija u wiehed u erbghin lira u hames centezmi (Lm2,741.05) f' isem certu V Mifsud mill-Imsida; Dok. "PG8" li fis-7 ta' Frar 2001 inghalaq meta kellu bilanc ta' elfejn u hamsa u sittin lira u tlettax-il centezmu (Lm2,065.13), Dok. "PG9" li fid-9 ta' April 2001 il-konvenut kellu elfejn sitt mija u hamsa u disghin lira u erbgha u tmenin centezmu (Lm2,695.84), u Dok. "PG10" li fit-2 ta' Awissu 2000 il-konvenut kellu bilanc ta' elf seba' mija u erbghax-il lira u wiehed u sebghin centezmu (Lm1,714.71).

Illi dawn l-ammonti (skond il-perit legali) b'kumbinazzjoni jew mod iehor kollha sussegwentement irrizulta li qieghdin depozitati f'kontijiet bankarji f' isem it-tifel tal-partijiet **"C"**. Dan jirrizulta mid-dokumenti Dok. "HCD5" sa Dok. "HCD8" u li dawn id-depositi komplessivament jammontaw ghal disghat elef, sitt mija u erbgha u sittin lira u sebgha u disghin centezmu (Lm9,664.97). L-istess **"C"** in kontro-ezami jammetti li dawn kien tahomlu missieru mentri l-konvenut jghid li dawn kien nghataw lilu bhala rigal minghand ommu. Din certament hija allegazjoni gratuita u bla ebda provi ta' xejn. Hi fil-fatt il-fehma ta' din il-Qorti li l-interpretazzjoni tal-konvenut mhix kredibbli ghaliex kieku nghataw lilu rigal minghand ommu ma kellux ghalfejn jahbi dan minn martu jew minn l-istess ibnu li mieghu jidher li hemm relazzjoni tajba hafna. Issir referenza ghal

dokumenti Dok. “HCD1” sa Dok. “HCD9”, Dok. “CF1” sa Dok. “CF3” u Dok. “PG1” sa Dok. “PG10”.

Ili ghalhekk din il-Qorti thoss li kull parti ghandha tigi assenjata nofs id-depositi ezistenti kemm f’isimhom u kemm dawk li qieghdin f’ isem binhom **“C”**.

Illi l-attrici pprezetnat Dok. “MCD3” u Dok. “MCD4” bhala lista’ ta’ oggetti parafernali taghha u li tghid li dawn ghadhom fid-dar matrimonjali ghajr ghal xi oggetti li jaghmel referenza ghalihom fl-affidavit tieghu a fol. 5-6 tal-istess affidavit. Hi fehma tal-Qorti li l-oggetti li l-konvenut jghid li huma tieghu jibqghu ghandu izda dawk li jghid li huma tat-tifel meta ta’ dan ma ingaghbet l-ebda prova, u *stante* li dawn huma parafernali tal-mara, dawn ghandhom jigu assenjati lilha. Dawn huma 4 pitturi li jinsabu fil-kamra ta’ **“I”**, *dinner set*, sodda u komodina, CG box tan-nanna u kurcifiss li kien tan-nanna. *Se mai* huwa l-attrici li jekk trid tghaddihom jew thallihom lil binha hi.

Illi hemm qbil ukoll dwar l-oggetti parafernali tar-ragel li huma indikati bhala Dok. “MCD9” fl-affidavit tal-attrici.

Illi dwar l-oggetti li nxtraw mill-partijiet qabel iz-zwieg u li huma msemmija f’ Dok. “MCD8” il-partijiet jaqblu hlief ghal *tiffany glass* u *iron lamp* li l-konvenut jghid li kien xtraha hu mill-Ingliterra u ftit wara din inkisret. Giet prodotta lista ohra markata bhala Dok. “MCD7”. Il-Qorti hi tal-fehma li dawn ghandhom jigu assenjati lir-ragel hlief ghal 2 *hall chairs*, 1 *oak sideboard*, 1 *round occasional table* u *wallunit* li ghandhom jigu assenjat lill-attrici.

Illi dwar l-oggetti li nxtraw waqt iz-zwieg l-attrici produciet Dok. “AM3” bhala elenku tal-oggetti li nxtraw matul iz-zwieg. Il-partijiet jaqbalu li l-attrici diga’ ghandha fil-pussess taghha tlett Hi-Fi *equipments*, *food processor* u televizjoni. Hi l-fehma ta’ din il-Qorti li l-oggetti imsemmija bhala ghamara antika u li huma 6 *Antique Oak Dining Room + recovering*, *Antique Bureau*, *Antique Wardrobe*, *Antique Chest of Drawers* u *Antique ceramic willow pattern collection* ghandhom jigu assenjati lill-mara b’ dan li r-ragel jibqa’ jzomm il-bqija u dan ghandu jsir fi zmien

ghoxrin (20) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza. Il-karozza Skoda ghandha tigi assenjata lill-konvenut, b’dan li l-attrici tircievi minghand il-konvenut l-ammont ulterjuri ta’ mija u hamsin (Lm150).

Illi ghalhekk *invista* tal-premess din il-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet tal-perit legali dwar depositi bankarji u mobbli u cjoe li:-

(a) Illi kontijiet bankarji kollha f’isem parti jew ohra jew f’isem iz-zewg partijiet ghandhom jigu divizi b’mod ugwali bejn it-tnejn; tordna wkoll li ssir divizzjoni tal-kontijiet bankarji fuq indikati li jinsabu f’isem **“C”**, li mid-dokumenti jirrizulta li komplessivament jammontaw ghal disghat elef, sitt mija u erbgha u sittin lira u sebgha u disghin centezmu (Lm9,664.97), b’dan ghalhekk li din il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici nofs l-istess ammont ta’ disghat elef, sitt mija u erbgha u sittin lira u sebgha u disghin centezmu (Lm9,664.97) u dan bl-imghax ta’ tmienja fil-mija mid-data ta’ din is-sentenza sal-effettiv pagament.

(b) Illi dwar oggetti parafernali tordna li erba’ (4) pitturi li jinsabu fil-kamra ta’ **“I”**, *dinner set*, soda u komodina, CG box tan-nanna u kurcifiss li kien tan-nanna ghandhom jigu assenjati lill-attrici, u l-oggetti ndikati f’ Dok. “MCD9” u li hemm qbil dwarhom huma parafernali tar-ragel.

(c) Illi dwar l-oggetti li nxtraw qabel iz-zwieg mill-partijiet din il-Qorti qed tassenja lill-attrici zewg (2) *hall chairs*, 1 *oak sideboard*, 1 *round occasional table* u 1 *wallunit* u lill-konvenut jigu assenjati l-bqija.

(d) Illi dwar oggetti li nxtraw matul iz-zwieg din il-Qorti taqbel mal-perit legali u tassenja l-oggetti msemmija f’ Dok. “AM3” bhala ghamara antika u li huma sitt *Antique Oak Dining Room +recovering*, *Antique Bureau*, *Antique Wardrobe*, *Antique Chest of Draweres* u *Antique ceramic willow pattern collection* jigu assenjati lill-mara b’dan li l-konvenut ghandu jzomm il-bqija. Rigward il-vettura Skoda, din qed tigi assenjata lir-ragel li ghandu jhallas lill-attrici s-somma ulterjuri ta’ mija u hamsin lira (Lm150)

bhala sehemha minn din il-vettura, bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sa’ l-effettiv pagament.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli u kontrastranti ma’ dak hawn deciz, u **filwaqt li tichad is-seba’ talba attrici, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz,** b’dan illi:-

(1) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan *stante* li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta’ sevizzi, eccessi w ingurji gravi li kawza ta’ l-istess iz-zwieg bejn il-kontendenti ma huwiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irremedjabilment ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

(2) Tilqa’ t-tieni talba u tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha;

(3) Tilqa’ din t-talba fis-sens li tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-ammont ta’ elfejn u mitejn u hamsa u disghin Lira Maltija (Lm2,295) rapprezentanti arretrati ta’ manteniment *pendente lite* ghal erba’ snin u tlett xhur mid-data tad-digriet tas-Sekond’ Awla fil-11 ta’ Ottubru 2001 sa llum, bl-imghax legali mill-iskadenzi rispettivi sa l-effettiv pagament. Mill-bqija tirreferi ghal dak deciz *in vista* tal-hames (5) talba tac-citazzjoni attrici anke bl-applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48 u 54 (6) tal-Kap 16;**

(4) Tilqa’ din it-talba u tapplika kontra l-konvenut, id-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16)** fl-*intier* taghhom;

(5) Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b’effett mid-data ta’ din is-sentenza u tassenja u tillikwida l-istess komunjoni bil-mod fuq indikat kemm abbazi tal-gurisprudenza fuq citata w anke bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 u 54 (6)**

**tal-Kap 16**, b'dan li taddota dak fuq deciz anke ghal dawk li huma beni parafernali bejn il-partijiet b'dan ghalhekk li din il-Qorti tordna l-bejgh in subbasta ta' l-istess fond **"D"**, b'dan li mir-rikavat ta' l-istess, l-attrici ghandha tiehu s-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000) mentri l-konvenut ghandu jiehu s-somma ta' erba' t'elef lira Maltija (Lm4,000), u l-bilanc mir-rikavat jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet. Kawza ta' l-istess din il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din is-sentenza l-istess konvenut jizgombra mill-istess fond, b'dan li l-istess fond ma ghandux jitqies bhala d-dar matrimonali tal-partijiet.

Illi dwar id-depositi bankarji din il-Qorti tordna li l-*joint account* f'Jersey ta' hames elef lira sterlina (5,000 stg) ghandu jinghalaq u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Illi dwar il-kontijiet bankarji kollha lokali f'isem parti jew ohra jew f'isem iz-zewg partijiet din il-Qorti tordna li dawn ghandhom jigu divizi b'mod ugwali bejn iz-zewg partijet; tordna wkoll li ssir divizzjoni tal-kontijiet bankarji fuq indikati li jinsabu f'isem **"C"**, li mid-dokumenti jirrizulta li komplessivament jammontaw ghal disghat elef, sitt mija u erbgha u sittin lira u sebgha u disghin centezmu (Lm9,664.97), b'dan ghalhekk li din il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici nofs l-istess ammont ta' disghat elef, sitt mija u erbgha u sittin lira u sebgha u disghin centezmu (Lm9,664.97) u cjoe' l-ammont ta' erba' t'elef, tmien mija u tnejn u tlettin lira Maltija u disa' u erbghin centezmu (Lm4,832.49) u dan bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data ta' din is-sentenza sal-effettiv pagament.

Illi dwar oggetti parafernali tordna li erba' (4) pitturi li jinsabu fil-kamra ta' **"I"**, *dinner set*, sodda u komodina, CG box tan-nanna u kurcifiss li kien tan-nanna ghandhom jigu assenjati lill-attrici, u l-oggetti ndikati f' Dok. "MCD9" u li hemm qbil dwarhom huma parafernali tar-ragel.

Illi dwar l-oggetti li nxtraw qabel iz-zwieg mill-partijiet din il-Qorti qed tassenja lill-attrici zewg (2) *hall chairs*, 1 *oak*

*sideboard*, 1 *round occasional table* u 1 *wallunit* u lill-konvenut jigu assenjati l-bqija.

Illi dwar oggetti li nxtraw matul iz-zwieg din il-Qorti tassenja l-oggetti msemmija f' Dok. "AM3" bhala ghamara antika u li huma sitt *Antique Oak Dining Room + recovering*, *Antique Bureau*, *Antique Wardrobe*, *Antique Chest of Draweres* u *Antique ceramic willow pattern collection* jigu assenjati lill-mara b'dan li l-konvenut ghandu jzomm il-bqija. Rigward il-vettura Skoda, din qed tigi assenjata lir-ragel li ghandu jhallas lill-attrici s-somma ulterjuri ta' mija u hamsin lira (Lm150) bhala sehemha minn din il-vettura, bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament.

(6) Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni parafernali fuq indikati abbazi tal-hames (5) talba attrici u separatament tordna li l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

(7) Tichad din it-talba anke *in vista* ta' dak deciz fit-talbiet precedenti ta' din ic-citazzjoni attrici;

(8) Tilqa' din it-talba u tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti;

(9) Tawtorizza lill-attrici sabiex tirriverti ghall-kunjom xbubitha **"E1"**.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut.

Illi fir-rigward tal-**kontro-talba tal-konvenut**, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici rikonvenzjonata sakemm l-istess huma kompatibbli ma' dak hawn deciz, **tichad it-tieni, il-hames, is-sitt, is-seba', u t-tmien talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu, u tilqa' t-talbiet l-ohra fl-istess kontro-talba tal-konvenut biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tilqa’ din it-talba biss fis-sens li tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan *stante* li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta’ sevizzi, eccessi u ingurji gravi li kawza ta’ l-istess iz-zwieg bejn il-kontendenti ma huwiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irremedjabbilment ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

2. Tichad din it-talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu u dan *stante* li huwa kien responsabbli ghall-firda personali u d-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** ghandhom japplikaw fil-konfront tieghu biss;

3. Tordna t-tmiem u x-xolijment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet b’effett mid-data ta’ din is-sentenza;

4. Tillikwida l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti u l-beni parafernali kif provdut konsegwenti ghal dak deciz fuq ic-citazzjoni attrici anke abbazi tal-hames (5) talba attrici u tichad din it-talba inkwantu tirreferi ghall-applikazzjoni ta’ l-**artikolu 55A tal-Kodici Civili** favur il-konvenut;

5. Tichad din it-talba ghax ma hemmx bzonnha;

6. Tichad din it-talba *stante* li mhux il-kaz li din it-talba tintlaqa’ nkluz minhabba dak fuq deciz u wkoll ghaliex l-istess konvenut kien responsabbli ghall-firda personali;

7. Tichad din it-talba ghaliex huwa l-istess konvenut responsabbli ghall-firda personali;

8. Tichad din it-talba *stante* li din il-Qorti qed tiddikjara li l-konvenut tilef kull dritt ta’ alimenti tant li qed jigu applikati kontra tieghu d-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fit-totalita` taghhom;

Bl-ispejjez kollha tal-kontro-talba kontra l-istess konvenut.

Illi b’dan ukoll li peress li din il-Qorti thoss li l-agir tal-konvenut kien wiehed abbuzziv tul il-proceduri kollha, fejn injora ghal kollox dak decretat anke mis-Sekond’Awla tal-

Qorti Civili (ara kummenti anke tal-Perit Legali) u wkoll abbuza bil-mod kif pprezenta l-kontro-talba tieghu, b'dan li ma hemm ebda dubju li dan ikkawza wkoll tul tal-proceduri bla bzonn, u dan huwa rifless mill-pika esegerata tieghu lejn l-attrici waqt l-istadju kollu tal-kawza u ghalhekk din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 tal-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna li l-konvenut ihallas is-somma ta' seba' mitt lira Maltija (Lm700) ukoll bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijet ghandhom isiru fi zmien ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din is-sentenza. Tordna li din is-sentenza tigi kkomunika lir-Registratur tal-Qorti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**31 ta' Jannar 2006.**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**31 ta' Jannar 2006.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------